# L-ex Arċipriet il-Kan. Vincent Cachia li għolla isem il-belt Senglea



**Kitba ta' Joseph Busuttil**

**L-Arċipriet il-Kan. Vincent Cachia** beda bil-ħidma uffiċjali tiegħu f'Ottubru tas-sena 1985, u f'Settembru ta' l-istess sena mexxa għall-ewwel darba l-festa ta' Marija Bambina fosthom il-funzjonijiet fil-Bażilika. Mill-ewwel deher li se jieħu l-affarijiet bis-serjetà, kollox bl-eżatt, fil-ħin, bil-kbir u bi tmexxija entużjasta għall-aħħar. Aħna d-dilettanti li nkunu l-knisja mill-ewwel indunajna bil-kwalitajiet sbieħ tiegħu, u fl-Isla sab il-post addattat għalih.

Mill-ewwel intefa' għax-xogħol biex il-Bażilika ma tmurx lura, iżda jkompli fuq it-tajjeb li sab u jwettaq proġetti ġodda. Żgur li ma riedx jagħmel għajb lill-Arċipriet Senglean ta' qablu l-mibki Mons. John Sladden.

Fil-knisja saru ħafna proġetti taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu, u bil-ħidma ta' ħafna volontieri li kulħadd ħadem bla heda. Jiena xtaqt insemmi x'sar biex ħadd ma jinsa l-ħidma kbira li saret matul dawn is-sittax-il sena.

- Fil-bidu tal-parrokkat tiegħu l-**Arċipriet Cachia** sab ma' wiċċu l-anniversarju tal-200 sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata. Għalhekk ħa ħsieb li l-Awla Kapitulari tiġi rinovata u sar programm intensiv (1986). Inħadem arkivju kbir ta' l-injam li tpoġġa ħdejn l-Awla Kapitulari (1993).
- Saru erba' linef tal-kristall għal madwar il-pilastri l-maġġuri (1986).
- Flok il-fonti nħarġet l-istatwa artistika tat-Trinità Qaddisa, li ġiet indurata u rrestawrata mill-ġdid (1986). Fis-sena 1989, inħadmet pedestallatura u tron għall-istess statwa.
- Inħadmet terħa tal-bellus irrakkmata bid-deheb għall-altar magħruf bħala dak ta' Sant'Anna (1986).
- Inxtraw sett ta' twapet għall-altari laterali (1986).
- Inħadmu żewġ bankuni tal-ġewż għall-anterni (1986).



*L-istatwa tal-Bambina fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta fl-1996.*

*Grupp Dilettanti tan-Nar*

- Saret l-indurатura tas-sopraporta ta' fuq il-bieb maġġur tal-knisja. Għall-istess sopraporta nħadem pavaljun tal-bellus aħmar bir-rakkmu tad-deheb.
- Saru sett ta' erba' pari puttini tal-ġebel għal fuq il-bibien ta' taħt l-inkwadri tal-Papiet.
- Inħadem sett ta' erba' fjuretti tal-ganutilja biex jintramaw madwar l-istatwa ta' Kristu Mejjet fil-Ġimgħa l-Kbira (1987).
- Sar xogħol ta' dekorazzjoni fil-ġnub tal-kappelluni, fil-prospettivi ta' madwar il-kwadri tal-Papiet u madwar il-bibien. Saret l-indurатura wkoll (1988). Saret it-tapizzerija għall-isfond ta' l-istess kappelluni.
- Restawr ta' inkwadri tal-pittura li hemm fis-sagristija. F'din is-sagristija sar xogħol ta' żebgħa u indurатura.
- Inħadmu sett ta' seba' kapep tal-lama safra. Inħadmu wkoll żewġ tuniċelli.
- Saru fjokkijiet fil-kappella tas-Sagrament, għal-lampiera, u għal-linef tal-kor (1989).
- Saret indurатura fuq il-ġebel fin-navati tal-knisja u fil-prospettivi u l-gula ta' l-inkwadri ta' l-altari (1989). Saret l-indurатura fuq l-arkati ta' l-injam għall-kappelli ta' taħt in-navati.
- Saru żewġ fjuretti tal-ganutilja għall-kappella tas-Sagrament (1990).
- Xogħol kbir li sar huwa dekorazzjoni u l-pittura fil-koppla.

Din il-ħolma wara ħafna snin ta' ħidma saret realtà mill-pittur Frank Portelli u bit-tħabbrik ta' l-Arċipriet Cachia. Ġiet inawgurata l-Ħadd, 21 ta' Marzu, 1993.

- Saru żewġ pari brazzi kbar tal-kristall għal maġenb l-altari prinċipali tal-kappelluni.
- Inxtraw globi ta' ħġieġ fin għall-brazzi tal-*Via Sagra*.
- Sar mill-ġdid l-istandard tas-Santwarju (1991). Inbidlu wkoll xi standardi tal-fratellanzi.
- Inħadmu sett ta' patalotti għat-tribuna Bażilika. Il-materjal li ntuża huwa tal-lama u rrakmat bid-deheb (1992).
- Fis-sena 1994, inbeda xogħol ta' dekorazzjoni u pittura tas-saqaf. Dan kien jinkludi xogħol ta' invjar tal-ġebla u żebgħa, twaħħil ta' skulturi maħdumin minn injam u *fibre*, u l-induratura tagħhom. Ix-xogħol ġie komplut b'erba' pitturi kbar għal-lunetti ta' taħt il-koppla mill-pittur Frank Portelli.
- Inħadmu żewġ trieħi bir-rakkmu tad-deheb fuq bellus ikħal għal fuq il-gredenzini ta' maġenb l-altar maġġur (1994).
- Inħadem pavaljun tal-bellus ikħal irrakkmat bid-deheb għan-niċċa tal-Bambina (1995).
- Saret kważi kollha mill-gdid it-tapizzerija fil-knisja u l-kappelluni b'aċċessorji tad-deheb. Għall-kappella tas-Sagrament inħadmet tapizzerija ġdida mill-materjal tal-palma (1996/7).
- Ingħatat dehra ġdida lill-gallarija ta' l-orgni billi ngħata lostru lill-injam, żdiedet xi skultura u saret l-induratura. Saru par brazzi bid-dawl għall-istess gallarija (1998/9).
- Fl-oratorju tal-Kurċifiss saru gwarniċi tal-gula indurata madwar l-inkwadri tal-pittura.
- Bħala tifkira, fl-okkażjoni tal-Millennju l-ġdid sar arloġġ elettroniku, li tqiegħed mal-faċċata tal-knisja fil-kampnar tax-xellug (1999).
- Saret gula ta' l-injam skolpit u indurat madwar il-kwadru ta' l-altar tal-Madonna tar-Rużarju (2001).
- Proġett kbir li żgur jibqa' mfakkar għalih l-**Arċipriet Cachia** huwa l-kisi tal-libsa u l-mant tal-Bambina bi pjanċi tad-deheb u fidda, xogħol li sar mis-Senglean Vanni Bartolo.
- Minbarra dawn il-ħafna opri li saru fil-Bażilika tagħna, l-**Arċipriet Cachia** ħa ħsieb ukoll ir-restawr u l-arġentatura fuq il-gandlieri ta' l-altari kollha laterali għas-sekondi festi. Saru wkoll fjuretti ġodda għall-istess altari. Inbeda xogħol ta' restawr u induratura tal-ventaltari.
- Matul is-snin sar programm tat-tindif u tiswija ta' l-armar tal-fidda li jinkludu lampieri, gandlieri, ventaltari u ħafna affarijiet oħra li jintużaw għall-funzjonijiet fil-knisja.

F'dak li hu armar ta' barra żgur li ta spinta kbira 'l quddiem b'ħafna armar ġdid, u restawr kontinwu.

Okkażjoni li żgur ħadd ma jista' jinsa huwa l-pelleġrinaġġ storiku bl-istatwa mirakoluża ta' Ġesù Redentur lejn il-gżira ta' Għawdex, f'Mejju tas-sena 2000. Pellegrinaġġi oħra bir-Redentur kienu fit-Tarzna ta' Bormla u f'San Vinċenz de Paule li wkoll iġibu memorji sbieħ.

Organizzazzjoni kbira li għad jgħaddi żmien u kulħadd se jibqa' jiftakar huma l-festi kbar li saru fl-okkażjoni tal-75 sena mill-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Bambina. Fost il-ħafna ma nistax ninsa meta l-istatwa ta' Marija Bambina ttieħdet il-Belt Valletta u twasslet l-Isla fuq barkun, fost il-ferħ kbir ta' Sengleani u ħafna Maltin li mlew is-swar li jdawru l-Port il-Kbir. Manifestazzjoni kbira oħra saret ix-Xatt nhar l-4 ta' Settembru, meta l-istatwa tal-Bambina twasslet ix-Xatt.

Proċessjonalment akkumpanjata minn tliet Isqfijiet, mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata u minn għadd kbir ta' saċerdoti. L-istatwa devota ta' Marija Bambina tpoġġiet taħt tribuna armata għall-okkażjoni. Saru festi kbar li jagħmlu unur lill-Isla taħt it-tmexxija ta' l-**Arċipriet Cachia**. Sar ukoll programm ta' attivitajiet Pastorali intensiv li żgur ħallew il-frott mixtieq.

Anniversarju ieħor li ġie mfakkar mill-parroċċa tagħna fis-sena 1991 kien dak tal-ħamsin (50) sena mit-tiġrif u l-ħerba tal-gwerra fl-Isla twaqqaf kumitat apposta biex jorganizza u sar monument biex jibqa' jfakkar lill-vittmi tal-gwerra Sengleani. Dan ġie inawgurat nhar il-Ħamis, 5 ta' Settembru, 1991.

**L-Arċipriet Cachia** minkejja li temm il-parrokkat tiegħu fl-Isla, ġie maħtur Kanonku Onorarju tal-Kapitlu tagħna, għalhekk ir-rabta tiegħu ma' din il-belt mhix se tispiċċa qatt. Kelmtejn li baqgħu jidwu fija huma dawn tal-Kan. John Ciarlo meta qalli: **"Dun Vinċenz ħabbha wisq l-Isla."**

Il-poplu Senglean se jibqa' grat lejh għall-ġid pastorali li wettaq fost il-komunità. Dan intwera fl-aħħar quddiesa ta' ringrazzjament li ċċelebra fil-Bażilika, meta lanqas kien hemm fejn toqgħod labra. Grazzi ta' kollox.



*L-istatwa ta' Ġesù Redentur fil-gżira ta' Għawdex ġewwa l-kappella tal-Kunċizzjoni fil-Qala. F'Mejju 2000 fl-okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir.*

*Grupp Dilettanti tan-Nar*